MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 20/2008

Alfred Bugeja

Vs

Carmela Muscat u Antoinette Said

Il-Qorti,

**Ritrattazzjoni – Artikoli 811(e) u (l) u 812 tal-Kap. 12.**

Rat ir-rikors prezentat minn Alfred Bugeja fl-4 ta’ Awwissu 2008 li permezz tieghu qieghed jitlob li l-qorti thassar u tirrevoka s-sentenza li nghatat fid-19 ta’ Gunju 2008 fil-kawza **Carmela Muscat et vs Alfred Bugeja** (Avviz 3/2005PC) u tordna s-smiegh mill-gdid in kwantu jsostni li hemm lok ghal ritrattazzjoni ghaliex is-sentenza kienet applikat il-ligi hazin (Artikolu 811(e) tal-Kap. 12) u hi effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza

(Artikolu 811[l] tal-Kap. 12). Permezz tas-sentenza mpunjata l-qorti kienet iddikjarat li r-ritrattand ma kellux titolu fuq raba' u ordnat li jigi zgumbrat mill-istess.

Rat ir-risposta prezentata fil-15 ta' Settembru 2008 (fol. 13) mir-ritrattati u li permezz taghha eccepew li:-

1. Ir-ritrattazzjoni m'hijiex proponibbli ghaliex ma sarx appell mid-decizjoni tad-19 ta' Gunju 2008.
2. Ma kienx hemm applikazzjoni hazina ta' ligi.
3. Ma huwiex minnu li s-sentenza nghatat b'effett ta' zball li tidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

Rat l-atti tal-kawza **Carmela Muscat et vs Alfred Bugeja** (Avviz numru: 3/2005AE) deciza fid-19 ta' Gunju 2008.

Rat l-atti kollha nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Settembru 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-qorti tqies li dawn il-proceduri saru inutilment. Ir-ritrattati ghandhom ragun li r-ritrattand messu ntavola appell mis-sentenza tad-19 ta' Gunju 2008 minflok li nqeda bil-procedura ta' ritrattazzjoni. Proceduri ta' ritrattazzjoni minn sentenza ta' qorti ta' l-ewwel grad m'ghandhom qatt jiehdu l-post ta' appell.

Kif tajjeb osservat il-Qorti tal-Appell[1] fil-kawza **Said International Limited vs MAC Limited et** deciza fis-7 ta' Lulju 2003, principji kardinali f'materja ta' ritrattazzjoni huma:-

*"(a) ir-rimedju konsentit minn dan l-istitut huwa ta' natura straordinarja ("**Dr. Paul Mallia nomine –vs- Vincenza xebba Camilleri**", Appell Civili, 2 ta' Lulju 1975),*

---
[1] Imhallef P. Sciberras.

*(b) regolat minn interpretazzjoni strettissima "**Rev. Sac. Dun Giuseppe Aquilina –vs- Francesco Aquilina**", Appell Civili, 18 ta' April 1958),*
*(c) "non suscettibile di una estensiva ma della sola letterale" ("**Arthur Micallef –vs- Maria Dolores Vella et**", Prim'Awla, Qorti Civili, 25 ta' Gunju 1910)".*

Ritrattazzjoni m'hijiex possibbli meta s-sentenza setghet, kif inhu dan il-kaz, tigi mpunjata permezz tal-procedura ordinarja ta' l-appell.

L-Artikolu 812 tal-Kap. 12 jipprovdi:-

> **812.** Ir-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn qorti ta' l-ewwel grad, u li għaddiet f'ġudikat, tista' tingħata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iż-żmien ta' l-appell.

Permezz ta' kawza prezentata Fl-1 ta' Frar 2005 fl-ismijiet **Carmela Muscat vs Alfred Bugeja** (Avviz numru: 3/2005), ir-ritrattati talbu li r-ritrattand jigi kundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju jigi zgumbrat minn *"...zewg porzjonijiet art maghrufa bhala Ta' Wied Bingemma, fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, wahda bil-kejl ta' circa erba' mija u ebra u sebghin metri kwadri (474mk) u l-ohra tlett mija u sittax metri kwadri (316mk)....... peress li dawn l-artijiet huma mqabbla ghand l-esponenti u l-konvenut qed jokkupahom minghajr ebda titolu validu fil-ligi."*.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fis-17 ta' Marzu 2005, ir-ritrattand eccepixxa li *"....l-attrici trid tipprova t-titolu taghha sabiex tkun tista' tippromwovi din l-azzjoni u fi kwalunkwe kaz l-eccipjenti jinsab jokkupa li stess raba' b'titolu ta' lokazzjoni."*.

B'sentenza li nghatat fid-19 ta' Gunju 2008 il-qorti filwaqt li cahdet l-eccezzjoni tar-ritrattand, laqghet it-talba tar-ritrattati u ordnat lir-ritrattand sabiex jizgombra mill-art fuq deskritta fi zmien xahar minn dakinhar. Il-qorti waslet ghal

konkluzjoni li r-ritrattand ma kienx irnexxielu jaghti prova li r-raba' kienet mikrija lilu.

Mir-rikors ta' ritrattazzjoni jidher bic-car li l-ilment tar-ritrattand hu li:-

(a) mill-provi kien irrizulta li r-ritrattata Carmela Muscat kienet ippermettiet li r-ritrattand jahdem ir-raba' u fil-fatt beda jahdimha bil-permess tas-sid. Skond ir-ritrattand hu beda jhallas il-kera lis-sidien u f'dawn ic-cirkostanzi sehhet cessjoni tal-kirja li giet injorata mill-qorti.
(b) l-qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi in kwantu mill-provi kien jirrizulta li r-ritrattand kien ihallas qbiela.

Madankollu r-ritrattand kellu kull opportunita' li jappella mis-sentenza tad-19 ta' Gunju 2008. Lanqas ma jista' b'xi mod jigi argumentat li r-ritrattat sar jaf bil-fatti li minhabba fihom seta' jitlob ir-ritrattazzjoni, wara li ghalaq iz-zmien ta' l-appell. Mill-atti jirrizulta li r-ritrattand kien ha sehem attiv fil-kawza.

2. F'kull kaz jirrizulta wkoll li m'hemmx lok ghal ritrattazzjoni tal-kawza taht l-Artikolu 811(l) u (e). Kull mhu jitlob ir-ritrattand hu li l-qorti terga' taghmel apprezzament tal-provi ghaliex fil-fehma tieghu l-qorti waslet ghal konkuzjoni zbaljata. Ezercizzju li certament ma jistax isir fi proceduri ta' ritrattazzjoni. Fir-rigward tal-ilment li s-sentenza applikat il-ligi hazin, skond l-Artikolu 816 tal-Kap. 12 ir-ritrattand kellu jaghmel riferenza ghall-ligi li kellha tigi applikata. Haga li m'ghamilx. Skond is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **George Xuereb –vs- Dorothy Xuereb**", 20 ta' Jannar 1992, *"l-ipotesi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi tikkonkreta ruhha meta jkun hemm* ***vjolazzjoni manifesta ta' ligi espressa u cara u mhux soggett ghall-interpretazzjoni****, razjocinji jew argomenti."*. Hekk ukoll fil-kawza **Vincenzo Borg –vs- Giuseppe Giordmaina**", Appell, 19 ta' Jannar, 1996 inghad:- *"jekk il-Qorti tkun applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jkun proprjament applikat u gie ritenut li kien infatti ghalhekk li l-artikolu 816 tal-Kap 12 meta jispecifika x'ghandu jkun fih l-att promotur ta'*

*ritrattazzjoni jghid espressament, li meta r-raguni ta' ritrattazzjoni hija l-applikazzjoni hazina ta' ligi l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata.”*. Minn dan kollu m'hawnx l-icken ombra fil-kaz taghna. Jidher li r-ritrattand ma jistax japprezza li l-ezercizzju li ghamlet il-qorti kien biss apprezzament tal-fatti fuq il-provi li tressqu u sussegwentement waslet ghal konkluzjoni li r-ritrattand ma kienx irnexxielu jaghti prova li jikri r-raba' in kwistjoni. Il-kontestazzjoni kollha bejn il-kontendenti kienet dwar jekk ir-ritrattand kellux lokazzjoni fuq ir-raba' in kwistjoni u bis-sentenza l-qorti ddecidiet li r-ritrattand ma kienx irnexxielu jaghti prova f'dan is-sens. Cirkostanzi li wkoll igiebu fix-xejn l-ilment l-iehor tar-ritrattand li s-sentenza kienet l-effett ta' zball, in kwantu hu evidenti li r-ritrattand qieghed jippretendi li l-qorti kellha temmen il-verzjoni tieghu. Kif tajjeb osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **John Zammit vs Adrian Zammit Tabona** deciza fit-22 ta' Jannar 2001:- *“Gie invarjabbilment deciz minn Qorti Suprema taghna li l-izball ta' fatt li jaghti s-sostratt ta' ritrattazzjoni ghandu jkun materjali u tali li minhabba* ***mera inavvertenza*** *ikun induca lill-gudikant jissoponi fatt inkontrastabbilment eskluz jew jissopponi inesistenti fatt pozittivament stabbilit. Il-ligi li tirrikjedi li zball li jirrizulta minn atti jew minn dokumenti tal-kawza, tissopponi li gudikant ghal inavvertenza materjali ma jkunx ikkonsultahom”*. L-apprezzament u l-fehma tal-fatt jikkostitwixxu l-fehema insindakabbli tal-qorti li tat is-sentenza. Ghalkemm min-naha tar-ritrattand qieghed illum jippretendi li kien hemm cessjoni ta' kirja, ma jfissirx li l-qorti kellha taccetta din it-tezi. Dan apparti l-fatt li l-ligi stess tipprovdi li ghall-izball, il-fatt ma jridx ikun formanti parti minn punt kontrovers u deciz bis-sentenza kontestata. F'kull kaz fil-kors ta' dawk il-proceduri ma tressqet l-ebda prova skritta li fir-realta' sehhet cessjoni tal-lokazzjoni[2]. Fir-rikors promotur ir-ritrattand isostni li *“....l-attrici Carmela Muscat ippermettiet lil konvenut sabiex jahdem ir-raba. Il-konvenut gab l-awtorizazzjoni*

---

[2] Cessjoni trid issir *ad validitatem* bil-miktub. Ghalhekk legalment ma setax kien hemm cessjoni tal-kirja minghajr kitba (ara per ezempju **Rita Pirotta vs Simon Carbonaro et** deciza fis-17 ta' Novembru 2004 mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Infejuri) Imhallef P. Sciberras). Kuntrarjament ghal dak li jsostni r-ritrattand, ma kien hemm xi htiega li ssir kawza biex jigi dikjarat li c-cessjoni tal-kirja ma tezisti.

*mis-sid u effettivament beda jhallasha hu.* ***Hawnhekk sehh negozju guridiku car u preciz li jammonta ghal cessjoni tal-lokazzjoni u rikonoxximent da parti tas-sidien lil konvenut****.”* (fol. 2). Il-fatt li r-ritrattand seta’ nghata permess (fis-sentenza jinghad li l-permess lir-ritrattand kien inghata minn oht Joseph Muscat) biex jahdem ir-raba’ u ghall-grazzja ta’ l-argument seta’ wkoll kien qieghed jaghmel xi hlas lis-sid, ma jfissirx li b’daqshekk l-inkwilin originali kien ceda l-kirja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tar-ritrattati u tichad it-talbiet tar-ritrattand.

Spejjez tar-ritrattati ghandu jaghmel tajjeb ghalihom ir-ritrattand.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------